



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0168/2011**

19.4.2011

## **RAPPORT**

dwar ir-rapport annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fl-2009, ippreżentat lill-Parlament Ewropew b'applikazzjoni tal-Parti II, Taqsima G, paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 (2010/2124(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Gabriele Albertini

## WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
OPINJONI TAL-MINORANZA .....	23
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	24
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	26

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar ir-rapport annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fl-2009, ippreżentat lill-Parlament Ewropew b'applikazzjoni tal-Parti II, Taqsima G, paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 (2010/2124(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-rapport annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fl-2009, ippreżentat lill-Parlament Ewropew f'konformità mal-Parti II, Taqsima G, Paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali msemmi hawn fuq, tas-17 ta' Mejju 2006, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tad-19 ta' Frar 2009<sup>2</sup> u tal-10 ta' Marzu 2010<sup>3</sup> dwar ir-rapporti annwali tal-PESK tal-2007 u tal-2008 rispettivament,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2010<sup>4</sup> dwar is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 dwar l-OSKE: rwol għall-UE<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar r-responsabilizzazzjoni politika<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli fil-plenarja tal-Parlament Ewropew dwar l-organizzazzjoni bażika tal-amministrazzjoni ċentrali tas-SEAE tat-8 ta' Lulju 2010<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-16 ta' Settembru 2010 dwar ir-relazzjonijiet esteri tal-UE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 119(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat

---

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p.

<sup>2</sup> ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 54.

<sup>3</sup> Testi adottati, P7\_TA-(2010)0060.

<sup>4</sup> Testi adottati, P7\_TA-PROV(2010)0280.

<sup>5</sup> Testi adottati, P7\_TA-PROV(2010)0399.

<sup>6</sup> Ibid, Anness II.

<sup>7</sup> Testi adottati, P7\_TA(2010)0280, anness.

għall-Baġits (A7-0168/2011),

- A. billi l-UE għandha tiżviluppa aktar l-oġettivi tal-politika estera tagħha u għandha tavvanza l-valuri u l-interessi tagħha mad-dinja kollha bl-għan globali li tikkontribwixxi għall-paċi, is-sigurtà, is-solidarjetà, il-prevenzjoni tal-kunflitti, il-promozzjoni tad-demokrazija, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, l-appoġġ għall-istituzzjonijiet internazzjonali, il-multilateraliżmu effikaċi u r-rispett reċiproku fost in-nazzjonijiet, l-iżvilupp sostenibbli, il-kummerċ ħieles u ġust u l-qerda tal-faqar,
- B. billi l-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona qed iġġib dimensjoni ġdida lill-azzjoni esterna Ewropea u se jkun strumentali biex jitjiebu l-koerenza, il-konsistenza u l-effikaċja tal-politika estera tal-UE u, b'mod iktar mifrux, l-azzjonijiet esterni,
- C. billi t-Trattat ta' Lisbona qed johlq momentum ġdid fil-politika estera tal-UE, li partikolarment jagħti l-għodod istituzzjonali u operattivi li jistgħu jippermettu lill-UE li jkollha rwol internazzjonali kompatibbli mal-istatus ekonomiku prominenti tagħha u mal-ambizzjonijiet tagħha u li torganizza ruħha b'tali mod biex tkun attur globali effettiv, kapaċi li jkollha sehem fir-responsabilità għas-sigurtà dinjija u li tkun mexxejja fid-definizzjoni ta' reazzjonijiet komuni għall-isfidi komuni,
- D. billi l-momentum il-ġdid fl-azzjoni esterna Ewropea jirrikjedi wkoll li l-UE taġixxi b'mod aktar strateġiku sabiex ikollha piż fix-xena internazzjonali; billi l-kapaċità tal-UE li tinfluwenza l-ordni internazzjonali tiddependi mhux biss mill-koerenza bejn il-politiki, l-atturi u l-istituzzjonijiet tagħha imma wkoll minn kunċett strateġiku reali tal-politika estera tal-UE li għandha tgħaqqad flimkien l-Istati Membri kollha wara l-istess sensiela ta' prioritajiet u miri, sabiex dawn jittkellmu b'vuċi unika b'saħħitha fl-arena internazzjonali; billi l-politika barranija tal-UE għandhom jingħatawliha l-mezzi u l-istrumenti neċessarji ħalli tippermetti lill-Unjoni taġixxi b'mod effikaċi u konsistenti fix-xenarju dinji,
- E. billi qed issir trasformazzjoni sostanzjali tal-ordni internazzjonali attwali, sforz li fiġġew sfidi ġodda u l-ħolqien ta' strutturi ta' poter ġoddam, li jitolbu mill-UE li timpenja ruħha b'mod iktar attiv mal-poteri kurrenti u emerġenti tad-dinja kif ukoll mal-personaġġi mhux statali kif ukoll mas-sħab u l-istituzzjonijiet bilaterali u multilaterali sabiex ikunu promossi soluzzjonijiet effettivi għall-problemi li huma komuni għaċ-ċittadini Ewropej u għad-dinja b'mod ġenerali, li jista' jkollhom impatt fuq is-sigurtà globali,
- F. billi anke l-momentum il-ġdid għandu bżonn iwassal għad-definizzjoni ta' paradigma ġdida għas-sħubijiet strateġiċi tal-UE, kemm ġodda kif ukoll daww antiki, u billi din għandha tkun ibbażata fuq valuri universali kondiviżi bħalma huma l-ħeġġa għad-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet bażiċi, l-istat tad-dritt u d-dritt internazzjonali, kif ukoll il-benefiċċji u l-interessi reċiproċi u fehim komuni tas-sigurtà globali,
- G. billi l-iskrutinju parlamentari tal-politika estera tal-UE huwa essenzjali jekk l-azzjoni esterna Ewropea għandha tiġi mifhuma u appoġġata miċ-ċittadini tal-UE; billi l-iskrutinju jtejjeb il-leġittimità ta' din l-azzjoni; billi l-organizzazzjoni u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni interparlamentari effettiva u regolari fl-UE għandhom ikunu determinati b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, bi qbil mal-Artikoli 9

u 10 tal-Protokoll 1 tat-Trattat ta' Lisbona,

### ***Ir-rapport annwali tal-Kunsill tal-2009 dwar il-PESK***

1. Jilqa' r-rapport annwali tal-Kunsill u jfaħħar l-istruttura tiegħu trasparenti u bbażata fuq temi, li tipprovdi ħarsa ġenerali ċara lejn il-politiki u l-azzjonijiet fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni; jilqa' wkoll l-ambizzjoni tal-Kunsill li jenfasizza aktar u jiffoka b'mod iktar qawwi fuq il-kuntest reġjonali tal-kunflitti u l-kwistjonijiet; jisoghobih, madankollu, li r-rapport ma jressaq ebda approċċi possibbli biex tinsab soluzzjoni għall-kunflitti u l-kwistjonijiet;
2. Jistieden lill-Kunsill ma jillimitax l-għan tar-rapport annwali tal-PESK għal sempliċi deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-PESK iżda jagħmlu strument iffukat fuq il-politika u soluzzjonijiet; hu tal-fehma li r-rapport għandu jipprovdi aktar minn katalogu tal-avvenimenti u l-iżviluppi u li għandu jindirizza wkoll il-kwistjoni tal-effikaċja tal-politika barranija tal-UE u l-mezzi neċessarji għall-persegwiment tal-oġettivi tal-azzjoni esterna Ewropea; jitlob lill-Kunsill jinkludi wkoll fir-rapport, valutazzjoni tal-koordinazzjoni u l-koerenza bejn il-PESK u l-politiki esterni l-oħra tal-Unjoni, kif ukoll rakkomandazzjonijiet strateġiċi u organizzattivi għall-futur fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-azzjonijiet fil-qafas tal-PESK;
3. Jemmen li r-rapport annwali dwar il-PESK għandu jkun imsejjes fuq il-qafas istituzzjonali l-ġdid maħluq mit-Trattat ta' Lisbona u għandu jservi ta' strument għal djalogu interistituzzjonali mtejjeb, partikolarment billi jiddiskuti dwar l-implimentazzjoni ta' strateġija tal-UE dwar il-politika estera, jevalwa l-effettività tagħha u jindika d-direzzjoni tagħha fil-ġejjieni;

### ***It-tisħiħ tat-Trattat ta' Lisbona***

4. Itenni l-pożizzjoni tiegħu favur l-iżvilupp ta' strateġija tal-politika estera tal-UE bbażata fuq l-oġettivi u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (Trattat UE), li għandha tidentifika b'mod ċar l-interessi tal-UE għall-politika estera u ta' sigurtà komuni; jistieden lir-Viċi-President/ir-Rappreżentant Għoli (VP/RGħ) biex tinvolvi l-korpi rilevanti tal-Parlament bi sħiħ ma' dan l-oġettiv;
5. Jisħaq li hemm bżonn li tissaħħaħ il-koerenza bejn is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), l-Istati Membri u l-Kummissjoni taħt it-tmexxija tal-VP/RGħ; jitlob li jitjiebu s-sinerġiji bejn l-UE u l-livell nazzjonali u li titjieb il-koordinazzjoni bejn id-diversi atturi istituzzjonali, bil-għan li jiġu integrati aħjar l-istrumenti u l-politiki rilevanti kollha u li jitwassal messaġġ uniku tal-UE dwar kwistjonijiet politiċi prinċipali; iqis li l-kooperazzjoni fil-livelli kollha bejn is-SEAE, il-korpi rilevanti u l-kumitati fil-Parlament Ewropew u s-servizzi rispettivi fil-Kummissjoni hija essenzjali sabiex l-UE tkun tista' tiżviluppa approċċ strateġiku lejn il-viċinat tagħha u lejn pajjiżi kandidati, sħab bi prospetti ta' sħubija u pajjiżi sħab oħra, kif ukoll lejn oqsma ta' politika oħra bħad-drittijiet tal-bniedem, il-promozzjoni tad-demokrazija, il-kummerċ, l-iżvilupp, is-sigurtà enerġetika u l-ġustizzja u l-intern;
6. Jistenna li s-SEAE, permezz tal-promozzjoni ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-PESK u l-politiki esteri oħrajn, jgħin fit-tisħiħ tal-irwol u l-influwenza tal-UE fl-istadju

dinji u jkun possibbli għaliha li tipproġetta l-interessi u l-valuri tagħha b'mod iktar effiċjenti, b'tali mod li jkun jaqbel mal-istatus kummerċjali u ekonomiku internazzjonali eżistenti tagħha; jistieden lill-VP/RGħ toħloq l-istrutturi u l-mekkaniżmi neċessarji ta' koordinazzjoni fis-SEAE;

7. Jinnota, madankollu, li parallellament għat-twaqqif tas-SEAE, il-ksib tal-koerenza u l-effikaċja sħaħ fil-politiki komuni tal-UE se jirrikjedi, l-ewwel nett, li l-Istati Membri tal-UE jgħamlu politikament il-perpsettivi differenti tagħhom dwar kwistjonijiet prinċipali tal-politika estera; iqisha bħala ħaġa essenzjali, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri mhux biss jaqblu dwar strateġija komuni għall-politika estera u ta' sigurtà imma wkoll li jiżguraw li l-politiki nazzjonali tagħhom jappoġġaw il-pożizzjonijiet tal-UE;
8. Jiddispijaċih li f'bosta każijiet, id-dikjarazzjonijiet minn rappreżentanti individwali jew ta' grupp ta' Stati Membri tal-UE ħallew l-impressjoni ta' firda u għamlu x-xogħol tal-VP/RGħ partikolarment diffiċli; jitlob għalhekk lill-Istati Membri joqogħdu lura minn tali azzjonijiet u stqarrijiet individwali u mhux ikkoordinati u li jikkontribwixxu għal PESK effikaċi u viżibbli; jitlob mill-banda l-oħra li l-VP/RGħ ssemma' b'mod ċar il-pożizzjonijiet tal-UE, tirreaġixxi malajr u viżibilment, u tagħti profil aktar ċar u speċifiku lill-PESK;
9. Jisħaq li r-rwol tar-Rappreżentanti Speċjali tal-UE (RSUE) b'mod ġenerali għandu jkun li jirrappreżentaw u jikkordinaw il-politika tal-UE lejn ir-reġjuni b'interessi strateġiċi u ta' sigurtà speċifiċi għall-UE li jirrikjedu preżenza u viżibilità kontinwa tal-UE; hu tal-fehma li għandha tiġi stabbilita koordinazzjoni mill-qrib bejn ir-RSUE u d-dipartimenti rilevanti tas-SEAE u li għandhom jitqiesu mill-ġdid kwistjonijiet tematiċi importanti, li preċedement kienu koperti mir-Rappreżentanti Personali, u għandhom jitressqu proposti sabiex dan ir-rwol jittieħed minn uffiċċjali għoljin tas-SEAE jew minn RSUE; iqisha bħala ħaġa essenzjali li d-definizzjoni tar-rwol u l-mandati tar-RSUE issir suġġetta għal konsultazzjoni minn qabel mal-Parlament u li jitressqu proposti, bi qbil mal-Artikolu 36(1) tat-TUE, dwar il-proċeduri u l-mandat tad-dokumenti ta' taġħrif u tar-rapporti li għandhom jingħataw għad-dispożizzjoni tal-Parlament mir-RSUE;
10. Ifakkar fil-prerrogattiva tiegħu tat-Trattat li jiġi kkonsultat fl-oqsma tal-PESK u tal-PSDK, li l-opinjoni tiegħu jitqiesu b'mod xieraq u li jagħmel rakkomandazzjonijiet; jistieden lill-VP/RGħ tikkonsolida d-doveri ta' konsultazzjoni u rrapurtar mwettqa s'issa mill-Kummissjoni u l-Kunsill fil-qasam tal-azzjoni estera; jitlob lill-Kunsill jadotta approċċ kostruttiv fil-qafas tal-kumitat għall-konċiljazzjoni għall-istrumenti ta' assistenza esterna, inkluż l-Istrument għall-Istabilità, billi jirrikonoxxi d-dritt tal-Parlament għall-iskrutinju demokratiku tad-dokumenti ta' strateġija u pjanijiet ta' azzjoni pluriennali, kif jingħad fl-Artikolu 290 TFUE;
11. Jisħaq li l-Ftehim Interistituzzjonali revedut tal-2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda għandu jipprovi iktar trasparenza fil-proċedura baġitarja tal-PESK u għandu jindirizza b'mod xieraq ir-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-awtorità baġitarja sabiex dik l-awtorità tkun informata b'mod sħiħ u regolari dwar l-isfond, il-kuntest u l-implikazzjonijiet finanzjarji tad-deċizzjonijiet politiċi f'dan il-qasam politiku; hu tal-fehma li l-Parlament Ewropew għandu jirċievi informazzjoni xierqa qabel l-adozzjoni ta' mandati u strateġiji fl-isfera tal-PESK; jilqa' l-appoġġ espress mill-VP/RGħ għall-proposta li l-

missjonijiet kollha importanti tal-PSDK għandhom jiġu identifikati fil-baġit; itenni l-pożizzjoni tiegħu li, sabiex tiżdied il-leġittimità demokratika tal-PESK, il-korpi kompetenti tal-Parlament għandhom jiġu kkonsultati qabel it-tneġġja tal-missjonijiet tal-PSDK u għandhom ikunu jistgħu jissorveljaw kif xieraq il-missjonijiet tal-PSDK b'mod partikolari; jisħaq li sabiex jiġu ssodisfati l-kriterji ta' kredibilità u ta' awtodefinizzjoni fit-Trattat ta' Lisbona, għandhom jiġu allokat iżorsi baġitarji adegwati għall-oġettivi tal-PESK;

12. Iqis li l-laqgħat konġunti regolari ta' konsultazzjoni dwar il-PESK għandhom ikunu kkumpliementati minn laqgħat addizzjonali li għandhom isiru jekk ikun hemm bżonn li tiġi provduta informazzjoni ex-ante; jissuġġerixxi, f'dan ir-rigward, li l-laqgħat għandhom ukoll ikunu mmirati lejn it-tagħlim ta' lezzjonijiet strateġiċi u politiċi militari prinċipali sabiex jitjiebu l-ippjanar u l-ġestjoni ta' missjonijiet futuri u sabiex jiġi meġġjun l-iżvilupp ta' approċċ li jħares 'l quddiem għall-bżonnijiet tal-futur; ifakkar, barra minn dan, fid-dritt tiegħu li jiġi kkonsultat u l-bżonn li jiġi infurmat kif xieraq dwar l-arranġamenti tal-finanzjament urġenti ta' ċerti inizjattivi mneġġja taħt il-PESK bi qbil mal-Artikolu 41(3) tat-TUE;
13. Jappoġġja, b'konformità mal-ftehim li nlaħaq fil-kwadrilogu ta' Madrid dwar l-istabbiliment u l-funzjonament tas-SEAE, u konformi mar-Regolament Finanzjarju kif modifikat fir-rigward tas-SEAE, il-ħolqien fil-baġit tal-2011 ta' punti tal-baġit dedikati għat-tliet missjonijiet maġġuri taħt is-PESK/PSDK; jemmen li l-identifikazzjoni aħjar tal-missjonijiet iżżid kemm it-trasparenza kif ukoll ir-responsabilizzazzjoni tas-PESK/PSDK u sservi l-interessi tal-UE; jenfasizza li l-identifikazzjoni tal-missjonijiet maġġuri tal-PESK / PSDK m'għandhiex tkun detrimentali għall-informazzjoni u t-trasparenza rigward missjonijiet ta' dimensjoni iżgħar u ta' anqas viżibilità politika;
14. Iqis madankollu li din in-nomeklatura ġdida hija l-priekwiżit minimu u hija biss l-ewwel pass għal baġit tal-PESK dettaljat b'mod sħiħ li tkun tista' tippermetti sinteżi kompleta u segwitu tal-missjonijiet fl-ambitu ta' din il-politika; huwa tal-fehma li nomeklatura ġdida bħal din la m'hi se tnedded il-flessibilità indispensabbli tal-baġit tal-PESK u lanqas il-kontinwità tal-azzjoni tal-missjonijiet diġà mibdiya;
15. Ifakkar fl-ispirtu tat-TFUE li għandu l-iskop li jagħmel il-kodeċiżjoni bħala l-proċedura ġenerali u li, b'analoġija, twassal għat-tneħħija ta' klawsoli speċifiċi jew proċeduri li qabel kienu japplikaw għal xi strumenti jew politiki taħt it-Trattat preċedenti u l-Ftehim Interistitutazzjonali; jikkonferma b'dan u hawnhekk li d-dispożizzjonijiet li jirrestrinġu l-flessibilità tal-finanzjament tal-PESK issa huma bla bażi; jenfasizza, b'konformità ma' dak t'hawn fuq u sabiex tisserdaq l-effiċjenza u r-responsabilizzazzjoni tal-PESK, li kultura ġdida ta' djalogu, fiduċja reċiproka u skambju ta' informazzjoni għandhom saflaħħar jinfirxu fir-relazzjonijiet interistitutazzjonali, kemm fil-fażi ta' definizzjoni kif ukoll fit-tneħħija u fażijiet ta' evalwazzjoni a posteriori;
16. Jenfasizza li fil-kuntest ta' riflessjonijiet futuri dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014-2020, jeħtieġ li ssir analiżi bir-reqqa tar-rekwiżiti finanzjarji tal-PESK għal perjodu twil ta' żmien;
17. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li skont it-termini tal-Artikolu 218(6) tat-TFUE, l-opinjoni/approvazzjoni tal-Parlament Ewropew huwa/hija meħtieġa għal kull ftehim

internazzjonali inklużi dawk prinċipalment marbutin mal-PESK, bl-eċċezzjoni waħdanija ta' dawk marbutin esklussivament mal-PESK; skont it-termini tal-Artikolu 218(10) tat-TFUE, għandha tiġi provduta informazzjoni sħiħa lill-Parlament fl-istadji inizjali, tan-negojzati u finali tal-proċedura li twassal għall-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali; jistenna li l-VP/RGħ tippovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar in-negojzati matul il-proċedura, inklużi d-direttivi tan-negojzati u l-abbozzi ta' test tan-negojzati, u jfakkar li fid-dikjarazzjoni dwar ir-responsabilizzazzjoni politika l-VP/RGħ ntrabtet li tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas dwar il-ftehimiet internazzjonali fir-rigward tad-dokumenti kunfidenzjali tal-PESK; jitlob li jiġi stabbilit modus operandi effiċjenti li jgħaqqad flimkien l-osservanza tal-prerrogattivi tal-Parlament mal-grad neċessarju ta' kunfidenzjalità; jemmen li huwa meħtieġ ftehim komprensiv li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha u li jkopri l-korpi kollha tal-UE sabiex ikun regolat l-aċċess għad-dokumenti kunfidenzjali mill-Membri tal-Parlament;

18. Jinnota l-obbligu tiegħu skont it-Trattat li jiddetermina, flimkien mal-parlamenti nazzjonali, l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni interparlamentari regolari, b'mod partikolari fil-qasam tal-politika komuni barranija, ta' sigurtà u ta' difiża;

### ***Il-kwistjonijiet tematiċi prinċipali tal-PESK***

19. Jenfasizza li l-azzjonijiet tal-PSDK għandhom jiddaħħlu f'politika komprensiva li timmira lejn il-pajjiżi u r-reġjuni fi kriżi fejn il-valuri u l-interessi strateġiċi tal-UE u fejn l-operazzjonijiet tal-PESK jagħtu valur miżjud reali fil-promozzjoni tal-paċi, l-istabilità u l-istat tad-dritt; jisħaq, barra minn hekk, dwar il-ħtieġa ta' proċess ta' teħid it-tagħlimiet li jkun aktar preċiż fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni b'suċċess ta' kull operazzjoni u tal-impatt tagħha fit-tul fil-post;
20. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koordinazzjoni ottima bejn ir-reazzjonijiet tal-UE għad-diżastri u strumenti oħra tal-UE - bħall-missjonijiet ċivili u/jew militari tal-CSDP - li diġà qed jitniedu fil-post jew jistgħu jiġu stabbiliti wara kriżi; huwa tal-fehma li f'bosta każijiet distinzjoni riġida wisq bejn l-operazzjonijiet militari u ċivili tal-ġestjoni tal-kriżi tirrifletti mudelli istituzzjonali pjuttost mhux aġġornati u li l-interazzjoni ċivili-militari tista' tirrispondi aħjar għar-realtajiet fil-post; jisħaq, għalhekk, dwar il-ħtieġa ta' valutazzjoni sistematika skont il-każ tal-ħtiġijiet ħalli tiġi żgurata l-iktar reazzjoni xierqa peress li ċerti każijiet jistgħu jieħtieġu kuombinazzjoni ta' strumenti militari u ċivili, abbażi ta' fehim komprensiv tar-rabtiet bejn is-sigurtà u l-iżvilupp;
21. Iqisha bħala prijorità strateġika tal-UE li jissaħħu s-sħubijiet internazzjonali tal-ġestjoni tal-kriżi u li jitjieb id-djalogu ma' atturi oħra maġġuri tal-ġestjoni tal-kriżi - bħan-Nazzjonijiet Uniti, in-NATO, l-Unjoni Afrikana (UA), l-OSKE u pajjiżi terzi bħall-Istati Uniti tal-Amerika, it-Turkija, in-Norveġja u l-Kanada - u li jiġu sinkronizzati l-azzjonijiet, tinxtered l-informazzjoni u jitqiegħdu flimkien ir-riżorsi fl-oqsma taż-żamma tal-paċi u tal-bini tal-paċi, inkluża l-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-kriżi u, b'mod partikolari, is-sigurtà marittima, kif ukoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu skont il-liġi internazzjonali;
22. Jisħaq li t-twaqqif tas-SEAE għandu jagħti lill-UE opportunità unika li timplimenta l-impenji tagħha dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-bini tal-paċi, b'riferiment partikolari għall-Programm ta' Gothenburg, u biex twessa' aktar il-kapaċità tal-UE li tipprevjeni l-kunflitti bħala alternattiva għall-ġestjoni tal-kriżijiet; għal dan il-fini, jisħaq fuq l-



importanza li tingħata l-istess importanza lid-Direttorat għall-Prevenzjoni tal-Kunflitti u l-Politika ta' Sigurtà bħalma tingħata lil direttorati oħrajn billi jingħataw riżorsi adegwati għall-ipprogrammar tal-politika u bit-tisħiħ tal-konnessjonijiet mad-dipartimenti ġeografiċi u bit-twaqqif ta' relazzjonijiet formali mal-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill; huwa tal-fehma li s-separazzjoni eżistenti bejn l-istruttura tal-ġestjoni tal-kriżi u d-Direttorat għall-Prevenzjoni tal-Kunflitti u l-Politika ta' Sigurtà għandha wkoll titqies mill-ġdid;

23. Javża dwar ir-riskju li l-Istati Membri tal-UE jsiru dipendenti żżejjed minn pajjiżi terzi għall-provvista enerġetika tagħhom, ħaġa li tista' fl-aħħar mill-aħħar iddghajjed l-indipendenza tal-politika estera tal-UE; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-kunċett tas-sigurtà enerġetika huwa fundamentalment marbut mas-sigurtà tal-forniment; ifakkar, għalhekk, fil-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-isfidi enerġetiċi permezz tal-promozzjoni kemm tal-għejun enerġetiċi rinnovabbli kemm dawk fossili indiġeni, bit-tlestija ta' suq enerġetiku intern effikaċi u l-implimentazzjoni ta' politika estera Ewropea komuni tal-enerġija, ibbażata fuq koordinazzjoni aħjar tal-politiki tal-Istati f'dan il-qasam, id-diversifikazzjoni tal-fornituri tal-enerġija u l-faċilitazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura enerġetika strateġiċi bħal Nabucco jew alternattivi oħrajn fattibbli ta' kuridur fin-Nofsinhar; jappoġġa network enerġetiku Ewropew integrat u interoperabbli; jiddispijaċih li l-Istati Membri huma attivament imdaħħlin fl-appoġġ għal inizjattivi li fir-realtà jikkonkorru kontra l-isforzi favur l-iżgurar u d-diversifikar tal-għejun ta' forniture enerġetika;
24. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta sa Ġunju 2011 komunikazzjoni dwar is-sigurtà tal-provvista u l-kooperazzjoni internazzjonali bl-għan li jissaħħu aktar il-konsistenza u l-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE fil-qasam tal-enerġija; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-VP/RGħ biex issegwi b'determinazzjoni r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament għall-iżvilupp ta' politika koerenti u koordinata, b'mod partikolari billi tiġi promossa l-koeżjoni tal-UE fid-djalogu kostruttiv mal-fornituri tal-enerġija, u partikularment mar-Russja kif ukoll il-pajjiżi ta' tranżitu; hu tal-opinjoni li s-sigurtà enerġetika għandha wkoll tkun kompletament riflessa fil-politika ta' tkabbir u ta' viciinat tal-UE, inkluż permezz tad-djalogu politiku u l-kooperazzjoni Prattika ma' sħab;
25. Jiġbed l-attenzjoni għall-ġenerazzjoni ġdida ta' sfidi u riskji għas-sigurtà, pereżempju attakki ċibernetiċi, ferment soċjali, tixwix politiku, networks kriminali globali u attivitajiet ekonomiċi li jipperikolaw l-istat tad-dritt u l-prinċipji tad-demokrazija, u jenfasizza l-importanza tal-formulazzjoni ta' strateġiji adegwati għal dawn l-iżviluppi;
26. Jissottolinja l-ħtieġa ta' koordinament tat-tnejjija tal-ilqugħ għat-theddid mhux konvenzjonali, bħalma huwa t-theddid ċibernetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iwettqu analiżi fil-fond tat-theddid u l-ħtiġiet f'dan il-qasam riżultanti fi strateġija Ewropea għaċ-ċibersigurtà multidimensjonali u komprensiva li għandha tinkludi l-pjanijiet ta' kontinġenza f'każ ta' ċiberattakki;
27. Jirrimarka li l-politika barranija Ewropea għandha tqis id-dimensjoni esterna taż-żona Ewropea ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; itenni l-importanza tal-ġestjoni tal-immigrazzjoni b'ordni; iqis li huwa essenzjali li tkun żgurata l-kooperazzjoni kemm tal-pajjiżi tal-orġini kemm dawk tat-tranżitu, kif ukoll li tithegġegħgħ attitudni ta' kooperazzjoni b'saħħitha fost dawk il-pajjiżi bl-applikazzjoni ta' politika ta' kundizzjonalità pożittiva;

28. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-UE għandha ssaħħa ir-rwol mexxej tagħha fil-qasam tal-governanza dinjija tal-klima u tiżviluppa aktar djalogu ma' atturi ewlenin oħra, bħall-ekonomiji emerġenti (iċ-Ċina, il-Brażil, l-Indja), ir-Russja, l-Istati Uniti u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, peress li t-tibdil fil-klima sar element kruċjali tar-relazzjonijiet internazzjonali;
29. Huwa tal-fehma li, biex tkun konsistenti mal-valuri proprji tal-UE, il-politika estera u l-azzjoni esterna tal-UE għandhom jagħtu prijorità lill-promozzjoni tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt, il-governanza tajba u soċjetajiet ġusti, peress li soċjetà demokratika bbażata fuq ir-regoli hija l-bażi għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll tat-tisħiħ tal-istabilità; għalhekk itenni l-pożizzjoni tiegħu li d-drittijiet tal-bniedem iridu jkunu integrati b'mod sod fil-politika barranija tal-UE; jemma li l-istruttura istituzzjonali l-ġdida tal-UE, b'referenza partikulari għas-SEAE u d-dipartiment dedikat tiegħu, toffri opportunità biex jitjiebu l-koerenza u l-effettività tal-UE f'dan il-qasam; iħeġġeġ lill-VP/RGħ ssegwi, b'mod proattiv, oermezz ta' relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi terzi u l-parteċipazzjoni attiva f'fora internazzjonali, l-impenn ta' pajjiżi terzi għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll titkellem kontra l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u ma żżommx lura milli tiegħu miżuri adegwati jekk jinkisru; meta titqies iż-żieda fil-ksur gravi tal-libertà tat-twemmin, jistieden lill-Kummissjoni tagħmel evalwazzjoni bir-reqqa u tintegra l-libertà tat-twemmin fil-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;
30. Jikkunsidra l-kwistjoni tal-libertà tar-reliġjon u t-twemmin fid-dinja - notevolment tal-Kristjani, minoranzi ppersegwitati jew ipperikolati u dissidenti reliġjużi - u d-djalogu interreliġjuż bħala kwistjoni ewlenija ġdida għall-PESK; jenfasizza li l-libertà tar-reliġjon u t-twemmin hija dritt tal-bniedem fundamentali, u d-djalogu interreliġjuż strument biex jiġu ffaċċjati d-diskriminazzjoni u l-vjolenza mmotivati mir-reliġjon u b'hekk tikkontribwixxi għall-istabilità politika u tas-soċjetà; għalhekk jitlob lill-VP/RGħ biex tiżviluppa urġentement strateġija tal-UE dwar l-infurzar tad-dritt tal-bniedem tal-libertà tar-reliġjon u t-twemmin; għalhekk jistieden lill-VP/RGħ ukoll biex tistabbilixxi kapacià permanenti fi ħdan id-direttorat tad-drittijiet tal-bniedem tas-SEAE biex timmonitorja s-sitwazzjoni rigward restrizzjonijiet mill-gvernijiet u s-soċjetajiet tal-libertà tar-reliġjon u t-twemmin u d-drittijiet marbuta magħha;
31. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ biex tiżgura li l-politiki tal-PESK u l-azzjonijiet jimplimentaw bis-sih il-UNSCR 1325 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, li titlob il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-aspetti kollha u fil-livelli kollha tas-soluzzjoni ta' kunflitt; jitlob ukoll li l-politiki tal-PESK iqisu l-UNSCR 1820 dwar il-vjolenza sesswali f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' wara kunflitt kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet sussegwenti UNSCR 1888 (2009), 1889 (2009) u 1960 (2010), li jibnu fuq ir-riżoluzzjonijiet imsemmija qabel; jitlob lill-VP/RGħ, lill-Istati Membri tal-UE u lill-Kapijiet ta' Missjoni tal-PSDK sabiex jagħmlu l-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet lokali tan-nisa element standard ta' kull missjoni; jinnota b'dispaċir li s'issa mara waħda biss kienet innominata għal kariga għolja fis-SEAE u li hemm biss mara waħda fost ir-Rappreżentanti Speċjali tal-UE;

### ***Il-prijoritajiet ġeografiċi prinċipali tal-PESK***

#### *Id-diplomazija multilaterali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali*

32. Jenfasizza li l-multilateraliżmu effettiv għandu jkun it-tħassib strateġiku prinċipali tal-

Unjoni u li, f'dan il-kuntest, l-UE għandu jkollha rwol mexxej fil-kooperazzjoni internazzjonali, tappoġġa l-istituzzjonijiet internazzjonali, tiffaċilita l-kunsens internazzjonali u tavvanza l-azzjoni dinjija; jenfasizza l-bżonn urġenti li jiġu indirizzati kwistjonijiet dinjija ta' tħassib komuni għaċ-ċittadini tal-UE, bħalma huma l-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, il-pandemiji u t-tibdil fil-klima, iċ-ċibersigurtà, l-iżgurar tal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) u l-qerda tal-faqar, l-iżgurar tas-sigurtà enerġetika, in-nonproliferazzjoni tal-armi għall-qerda tal-massa u d-diżarm, is-soluzzjoni paċifika tal-kunflitti, l-immaniġġjar tal-migrazzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili; jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa għal monitoraġġ aħjar tal-fondi tal-UE skont ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 15/2009;

33. Hu tal-fehma li, sabiex tippermetti r-rappreżentanti l-ġodda tal-UE jitkellmu effettivament dwar kwistjonijiet dinjija u filwaqt li żżomm l-istatus tagħha ta' osservatur, l-UE għandha tingħata l-modalitajiet neċessarji fl-Assemblea Ġenerali tan-NU; għal dak il-fini, jistieden lill-UE biex tikkonsulta b'mod sħiħ u komprensiv mal-pajjiżi membri tan-Nazzjonijiet Uniti; jirrakkomanda li l-kwistjoni tal-parteċipazzjoni effettiva tal-UE fix-xogħol tal-Assemblea Ġenerali tan-NU titqiegħed 'l fuq fl-aġenda tas-samits bilaterali u multilaterali ma' sieħba strateġiċi; iqisha essenzjali li wieħed jopera mas-sħab strateġiċi tal-UE sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi reġjonali u dinjija ewlenin; jirrakkomanda, barra minn hekk, li s-sħubijiet strateġiċi jingħataw dimensjoni multilaterali billi jiġu inklużi kwistjonijiet dinjija fl-aġendi għas-samits bilaterali u multilaterali tal-UE; jistieden lill-Franza u lir-Renju Unit, bħala membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (UNSC), u skont l-Artikolu 34(2) TUE, biex jistiednu lill-VP/RGħ biex tippreżenta l-pożizzjoni tal-Unjoni kull meta l-UE jkollha pożizzjoni dwar suġġett fuq l-aġenda tal-UNSC; huwa tal-fehma li l-Unjoni Ewropea għandha tiġi rrappreżentata bħala tali fl-organizzazzjonijiet finanzjarji multilaterali, b'mod partikolari l-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Dinji, mingħajr preġudizzju għar-rappreżentanza tal-Istati Membri;
34. Hu tal-opinjoni li l-UE għandha taħtaf l-opportunità tal-adozzjoni tal-Kunċett Strateġiku tan-NATO l-ġdid biex issaħħaħ b'mod sustanzjali s-sħubija tagħha man-NATO, filwaqt li fl-istess ħin tiżviluppa l-politiki esteri, ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE; jilqa', bħala pass pożittiv f'dan ir-rigward, il-ġabra ta' proposti konkreti preżentat mill-VP/RGħ lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, li għandha l-għan tal-adozzjoni ta' relazzjoni bejn organizzazzjoni u oħra; jenfasizza li l-UE hija kkonċernata mill-parti l-kbira tat-theddid għas-sigurtà identifikat min-NATO fil-Kunċett Strateġiku l-ġdid tagħha; jiġbed l-attenzjoni lejn il-bżonn li jinstabu modi prammatiċi biex jiġu solvuti d-diffikultajiet pendenti; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-UE biex teżerċita l-influwenza tagħha għall-konklużjoni b'suċċess tal-proċess ta' sejba ta' soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru, li ssolvi d-differenzi bejn Ċipru u t-Turkija, li qed ixekklu l-iżvilupp ta' kooperazzjoni iktar mill-qrib bejn l-UE u n-NATO;
35. Iqis li hu importanti li jiġi żgurat li l-forzi u l-kapaċitajiet eżistenti li huma maqsuma fi grad għoli bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet jintużaw bl-iktar mod effiċjenti possibbli u li jkunu ottimizzati l-kundizzjonijiet għas-sigurtà tat-truppi Ewropej u l-operaturi ċivili; jistieden lin-NATO żżomm lura milli tiżviluppa kapaċità ċivili għall-ġestjoni ta' kriżijiet li tkun qed tidduplika l-istrutturi u l-kapaċitajiet tal-UE; jitlob għal strateġija koerenti ta'

nonproliferazzjoni nukleari u diżarm fil-qafas tal-kooperazzjoni UE-NATO u skont il-pjan ta' azzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Konferenza għar-Reviżjoni tat-Trattat tan-Nonproliferazzjoni tal-2010; ihegġegħ kemm lin-NATO kif ukoll lir-Russja iwettqu hídma għal relazzjoni iktar stabbli abbażi tal-fiduċja reċiproka;

36. Jirrikonoxxi li l-OSKE għandu bżonn jissaħħaħ u li jiġu affermati mill-ġdid il-valuri tagħha; jemmen fermament li l-UE għandha timpenja ruħha b'mod effettiv fit-tisħiħ tal-OSKE, anke billi tiżgura li l-proċess ma jirriżulta fid-dgħjufija tal-ebda waħda mit-tliet dimensjonijiet ta' dik l-organizzazzjoni (politika militari, ekonomika u ambjentali u umana); jenfasizza li l-UE għandha wkoll tiġbed l-attenzjoni lejn l-imporortanza li l-Proċess ta' Corfu jitkompla u li jkun hemm laqgħat regolari ta' livell għoli sabix jingħata sfond politiku lill-attivitajiet tal-OSKE u sabiex tittejjeb il-viżibilità tagħbhom;
37. Jirrikonoxxi l-istatus u l-importanza internazzjonali li dejjem qed jiżdiedu tal-Artiku u jitlob politika sostenibbli, f'kuntest soċjali, ambjentali u ekonomiku, għall-Artiku li tqis id-drittijiet tal-popolazzjoni lokali u tal-indiġeni; iqis il-Kunsill tal-Artiku, il-Politika tad-Dimensjoni tat-Tramuntana u l-Kunsill Barents Euro-Artiku bħala punti ċentrali għall-kooperazzjoni fl-Artiku u jappoġġa l-aspirazzjoni tal-UE li ssir osservatriċi permanenti fil-Kunsill tal-Artiku; jenfasizza l-bżonn ta' unità Artika fi hđan is-SEAE;

#### *Ir-relazzjonijiet Transatlantiċi*

38. Itenni l-impenn tiegħu għas-sħubija transatlantika bħala element importanti u wieħed mill-pilastru ewlenin tal-azzjoni esterna tal-UE; jitlob lill-UE, barra minn hekk, tikkonferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-partenarjat transatlantiku mal-Istati Uniti u l-oġettiv ta' suq transatlantiku mingħajr xkiel, li għandu jkun is-sies għal sħubija transatlantika msaħħa; ihegġegħ lill-VP/RGħ taħdem għal koordinazzjoni aħjar u akbar bejn l-UE u l-eqreb alleat tagħha, l-Istati Uniti; jitlobha tiżgura li l-UE taġixxi ta' sieħba koerenti, attiva iżda awtonoma tal-Istati Uniti fit-tisħiħ, fost affarijiet oħra, tas-sigurtà u tal-istabilità dinjija, fil-promozzjoni tal-paċi u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem; ihegġegħ, barra minn hekk, l-adozzjoni ta' approċċ konġunt għall-isfidi globali bħall-proliferazzjoni nukleari, it-terroriżmu, it-tibdil fil-klima u s-sigurtà enerġetika u l-iżgurar ta' approċċ konġunt għall-governanza dinjija bl-appoġġ u r-riforma ta' istituzzjonijiet internazzjonali u l-promozzjoni tar-rispett tal-liġi internazzjonali u soluzzjoni paċifika tal-kunflitti; jistieden lill-VP/RGħ biex tikkordina mill-qrib u tiżviluppa sinerġiji mal-Istati Uniti bil-għan li jiġu żgurati l-istabilità u s-sigurtà fil-kontinent Ewropew u globalment, inkluża l-abbażi ta' hi attraenti l-kooperazzjoni mal-atturi rilevanti bħar-Russja, iċ-Ċina, l-Indja u t-Turkija u fir-rigward ta' stabilità fiż-żona akbar tal-Lvant Nofsani, il-Mediterran, l-Iran, l-Afganistan u l-Pakistan;
39. Ihegġegħ l-iżvilupp ta' strateġija komprensiva UE-Stati Uniti għat-titjib tas-sitwazzjoni tas-sigurtà madwar iż-żona akbar tal-Lvant Nofsani, l-Iran, l-Afganistan u l-Pakistan li tkun tinvolvi kooperazzjoni mat-Turkija, ir-Russja u ċ-Ċina;

#### *Il-Balkani tal-Punent*

40. Jikkonferma l-prospetti tas-sħubija fl-UE tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u jenfasizza l-importanza ta' impenn kontinwu fil-proċess kemm mill-pajjiżi tar-reġjun kif ukoll mill-UE; ifakkar li l-prospettiva tat-tkabbir tal-UE hija inċentiv importanti għall-

kontinwazzjoni tar-riformi politiċi u ekonomiċi fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, li tikkontribwixxi għall-istabbiltà effettiva u l-iżvilupp tar-reġjun;

41. Jagħraf il-progress li sar mill-pajjiżi kollha tar-reġjun fi triqthom lejn l-UE; jinnota, madankollu, li l-instabbiltà politika u d-dgħufija istituzzjonali, flimkien ma' kwistjonijiet bilaterali li għadha ma nstabitx soluzzjoni għalihom, qed ixekklu iktar progress ta' xi pajjiżi lejn l-integrazzjoni fl-UE; jenfasizza li l-Unjoni teħtieġ viżjoni ċara u komuni dwar ir-reġjun; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni biex jinvolvu ruħhom attivament fis-soluzzjoni tal-problemi persistenti;
42. Jinnota l-fatt li s-sitwazzjoni fil-Kosovo għadha stabbli u paċifika, iżda fraġli; hu mħasseb dwar il-problemi serji u l-ksur tal-liġi elettorali li sar f'diversi muniċipalitajiet matul l-elezzjonijiet riċenti u jitlob lill-UE timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni tad-demokrazija fil-Kosovo; ihegġegħ lil daww kollha involuti biex jieħdu passi għat-titjib tad-drittijiet demokratiċi u tal-kundizzjonijiet tal-ħajja għall-persuni kollha li jgħixu fil-Kosovo I jenfasizza l-importanza ta' riforma elettorali u l-elezzjonijiet ġusti bħala parti mit-tranżizzjoni demokratika tal-Kosovo għaddejja bħalissa; jitlob lill-politikanti tal-Kosovo jirrispettaw il-Konstituzzjoni; ihegġegħ lill-Gvern il-ġdid tal-Kosovo u l-parlament itejbu l-proċess elettorali fil-ġejjieni sabiex jiżguraw id-drittijiet demokratiċi taċ-ċittadini tal-Kosovo kollha u jtejbu l-prospettivi tal-integrazzjoni Ewropea tal-Kosovo; huwa konxju li mhux l-Istati Membri kollha rrikonnoxxew l-indipendenza tal-Kosovo;
43. Jilqa' d-djalogu bejn il-Kosovo u s-Serbja u jenfasizza li jistgħu jikkontribwixxu għall-istabbiltà mhux biss madwar il-Kosovo iżda wkoll fir-reġjun kollu u jgħinu biex tittejjeb is-sitwazzjoni għan-nies kollha fil-Kosovo; jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-Missjoni tal-Istat tad-Dritt tal-EULEX fil-Kosovo biex tindirizza l-problema tal-persuni neqsin b'rabta mal-kunflitt tal-Kosovo u biex tinvestiga l-kriminalità organizzata u tressaq quddiem qorti lill-persuni kriminali involuti, b'mod partikolari bħala reazzjoni għall-allegazzjonijiet ta' trattament inuman u traffikar ta' organi matul u eżatt wara l-kunflitt; jitlob investigazzjoni bir-reqqa mill-EULEX ta' dawn l-allegazzjonijiet u proċessi eżemplari għal daww kollha li eventwalment jinstabu responsabbli; itenni l-bżonn li l-EULEX tappoġġa u tgħin lill-amministrazzjoni lokali b'governanza tajba u tiżgura li l-missjoni tista' tiffunzjona b'mod effikaċi madwar it-territorju kollu tal-Kosovo billi żżid l-attivitajiet tagħha fit-Tramuntana tal-Kosovo; jitlob lill-Kummissjoni tibda immedjatament djalogu dwar il-viża mal-awtoritajiet ta' Prishtina sabiex ikun definit il-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża;
44. Jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni biex itejbu d-djalogu mal-mexxejja politiċi fil-Bosnja-Herzegovina wara l-elezzjonijiet, sabiex jgħinu biex dak il-pajjiż u n-nies tiegħu jibqgħu fit-triq lejn l-integrazzjoni fl-UE; hu tal-fehma li l-Bosnja-Herzegovina għamlet progress limitat dwar ir-riformi relatati mal-proċess ta' integrazzjoni fl-UE u li l-aġendi etniċi u tal-entità prevalenti jistgħu jxekklu l-issodisfar tar-rekwiżiti għas-sħubija fl-UE u fin-NATO;
45. Jinsab imħasseb ħafna mill-kunflitt intern li għaddej fl-Albanija u jistieden lill-gvern u lill-oppożizzjoni jżommu lura mill-użu tal-forza u jibdew djalogu ġdid ħalli jtemmu l-kunflitt u jsibu kompromess sostenibbli; jilqa' f'dan ir-rigward l-inizjattiva meħuda mir-rappreżentant tal-VP/RGħ f'koordinazzjoni mal-Kummissarju għat-Tkabbir u l-Politika

tal-Viċinat;

*Is-sħubija tal-Lvant*

46. Jinkoraġġixxi lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni biex iżommu l-impenn tagħhom lejn is-Sħubija tal-Lvant mal-ġirien Ewropej tagħna tal-Lvant, fid-dawl tas-sħubija politika u l-integrazzjoni ekonomika tagħhom, inkluż fiż-żona tal-enerġija, fuq il-bażi ta' valuri Ewropej komuni u f'qafas ta' kundizzjonijiet u inċentivi maħsuba biex iġibu riformi; ifakkar li l-kunflitti li għadhom mhux riżolti jżommu lill-partijiet involuti f'sitwazzjoni fejn il-paċi ma tkunx sostenibbli; jistieden lill-partijiet involuti jfittxu soluzzjoni paċifika fuq perjodu ta' żmien twil; jenfasizza kemm hu importanti li jitqiesu l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fin-negozjati li għaddejjin dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant; jitlob li jittieħdu inizjattivi u azzjonijiet li jrawmu u jgħallaw il-kooperazzjoni reġjonali fil-Kawkasu tan-Nofsinhar;
47. Jittama li l-proċess tar-riforma tal-Politika Ewropea tal-Viċinat inniedi mill-Kummissjoni se jwassal għal viżjoni strateġika ġdida u approċċ differenzjat fl-istess politika, rigward l-oqsma ta' interess, skont id-diversità tal-interessi tal-Unjoni, u tal-isfidi u t-theddid reġjonali li tiffaċċja;
48. Jafferma mill-ġdid in-neċessità ta' approċċ koerenti fil-proċessi ta' kooperazzjoni reġjonali permezz tal-operazzjonalizzazzjoni tal-inizjattivi u l-istrumenti proposti mill-UE għall-viċinat tal-Lvant (is-Sħubija tal-Lvant, is-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed /l-Istrateġija tal-UE għall-Baħar l-Iswed eċċ); huwa tal-opinjoni li huwa neċessarju li jiġu żgurati l-komplementarjetà u d-divrenzjar bejn l-inizjattivi proposti, speċjalment fil-livell ta' proġett, għall-użu aktar effiċjenti ta' riżorsi u għall-ilħuq ta' riżultati konkreti;
49. Jikkundanna r-repressjoni li saret mir-reġim tal-President tal-Bjelorussja Lukashenko kontra l-membri tal-oppożizzjoni, il-ġurnalisti u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili wara l-elezzjonijiet presidenzjali tad-19 ta' Diċembru 2010 u jitlob għall-ħelsien immedjat ta' dawk kollha li ġew miżmuma u li dawn jinħelsu mill-akkużi kollha kontrihom; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill fil-31 ta' Jannar 2011 għall-impożizzjoni ta' projbizzjoni tal-viża u l-iffriżar tal-beni finanzjarji ta' 157 uffiċjal magħżul tal-Bjelorussja; jieħu l-pożizzjoni li s-sanzjonijiet kontra l-uffiċjali tal-gvern tal-Bjelorussja għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm il-priġunieri politiċi kollha jinħelsu mill-ħabsijiet Bjelorużi; jilqa' r-riżultat tal-Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi dwar 'Solidarjetà mal-Bjelorussja' tat-2 ta' Frar 2011, li matulha l-UE wiegħdet 17.3 miljun euro għall-azzjonijiet b'appoġġ għas-soċjetà ċivili, b'mod partikulari studenti u midja indipendenti; hu tal-fehma li l-Kummissjoni għandha ssaħħa il-kuntatti bejn l-UE u l-Bjelorussja bejn persuna u oħra; ihegġegħ lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma wettqux dan sabiex jieħdu passi unilaterali biex jiffaċilitaw il-ħruġ tal-viżi u biex inaqqsu l-prezz ta' viża fuq terminu ta' żmien qasir, partikolarment il-viża ta' Schengen, li hi l-aktar rilevanti għas-soċjetà usa', l-istudenti u żgħażaġh oħra; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-Bjelorussja ma tiġix iżolata, partikolarment minn ofqsa reġjonali eżistenti;
50. Jitlob għat-twaqqif fil-pront tal-Assemblea Parlamentari għall-Viċinat ta' Lvant (EURONEST), mingħajr il-parteċipazzjoni tal-Parlament Bjeloruż, u b'hekk jiġi enfazzzjat l-irwol tiegħu fit-tisħiħ tad-demokrazija u tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-importanza tiegħu fit-titjib tad-dimensjoni parlamentari tas-Sħubija;

51. Jiddispijaċih għan-nuqqas ta' progress sostanzjali rigward is-soluzzjoni tal-kunflitti ffriżati fil-Kawkasu tan-Nofsinhar; jenfasizza li dan huwa ostakolu li jfixkel l-iżvilupp ta' dimensjoni multilaterali u reġjonali ġenwina tas-Sħubija tal-Lvant; jistenna impenn isħaħ tas-SEAE fir-reġjun u jitlob li jittieħed rwol aktar proattiv mmirat għall-faċilitazzjoni tad-djalogu bejn il-partijiet, l-iżvilupp ta' miżuri tal-bini ta' fiduċja, l-inkoraġġiment ta' kuntatti bejn in-nies biex b'hekk titwitta t-triq għal soluzzjoni dejjiema;
52. Jenfasizza l-importanza ta' rwol aktar attiv tal-UE fis-soluzzjoni tal-kunflitti ffriżati fit-Transnistrija u l-Kawkasu tan-Nofsinhar;
53. Ifaħħar u jappoġġa l-impenn tal-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova li jsaħħu r-relazzjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, l-iżvilupp ta' djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża, u l-bidu ta' negozjati dwar ftehim ta' kummerċ ħieles;

#### *L-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Baħar l-Iswed*

54. Jistieden lill-Kummissjoni tħaffef l-implimentazzjoni tal-proġetti li huma parti mis-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed u żżomm din il-kwistjoni fuq l-aġenda tas-SEAE;
55. Jenfasizza l-importanza tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed fis-Sħubija tal-Lvant u jikkunsidra li involviment akbar tal-Unjoni Ewropea hu meħtieġ f'dan ir-rigward;

#### *L-Asja Ċentrali*

56. Jirrikonoxxi l-potenzjal kbir ta' żvilupp ta' kooperazzjoni strateġika bejn l-UE u l-Asja Ċentrali; billi jqis il-pożizzjoni ġeopolitika tar-reġjun, u jitlob għal kooperazzjoni msaħħa sabiex jiġu affrontati l-isfidi komuni fil-qasam tas-sikurezza kif ukoll fil-kwistjonijiet politiċi, ekonomiċi u tal-enerġija;

#### *Ir-Russja*

57. Jistieden lill-VP/RGħ sabiex tiżgura li l-approċċ tal-UE lejn ir-Russja, inkluż fin-negozjati dwar ftehim ġdid bejn l-UE u r-Russja, ikun koerenti; iħeġġiġha, barra minn hekk, tiżgura li t-tisħiħ tal-istat tad-dritt, inkluża l-liġi internazzjonali, il-prinċipji ta' reċiproċità u t-trasparenza, kif ukoll impenn għall-valuri tad-demokrazija pluralista u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, jikkostitwixxu l-bażi tal-ftehim kompensiv il-ġdid; jenfasizza li impenn biex titjieb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja u tiġi miġġielda l-korruzzjoni, partikolarment fis-sistema ġudizzjarja, għandu jkun parti integrali ta' dan il-ftehim il-ġdid; jistenna progress kostanti fin-negozjati attwali;
58. Jenfasizza li t-tisħiħ tal-istat ta' dritt fl-oqsma kollha tal-ħajja pubblika Russa, inkluża l-ekonomija, tgawdi minnu s-soċjetà kollha kemm hi; jitlob għat-tisħiħ tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u r-Russja sabiex jiġu promossi bidliet pożittivi fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja; jitlob għal azzjonijiet u għall-implimentazzjoni ta' inizzjattivi li jsaħħu l-kuntatti bejn is-soċjetajiet ċivili tal-Ewropa u r-Russja u li jsaħħu s-soċjetà ċivili Russa; jisħaq l-importanza tas-Sħubija għall-Modernizzazzjoni f'dan il-kuntest; jenfasizza fl-istess ħin il-ħtieġa għal sħubija bi spinta ġdida mar-Russja, ibbażata fuq ir-rispett reċiproku u r-reċiproċità, dwar il-kwistjonijiet

tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, is-sigurtà u l-provvista tal-enerġija, it-tibdil fil-klima, id-diżarm, il-prevenzjoni tal-kunflitti u nonproliferazzjoni nukleari, anke b'referenza għall-Iran, l-Afganistan u l-Lvant Nofsani, bil-għan li jissaħħu s-sigurtà u l-istabilità dinjija;

59. Jistieden lill-VP/RGħ tintensifika d-diskussjonijiet mar-Russja sabiex tiżgura t-tweqqif mhux kundizzjonali u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tal-ftehim tal-2008 bejn ir-Russja, l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja kif ukoll biex taħdem lejn is-sejba ta' soluzzjoni finali għal dan il-kunflitt li tirrispetta l-integrità territorjali tal-Ġeorġja; huwa tal-opinjoni li r-Russja għandha, b'mod partikolari, tiggaranatixxi aċċess sħiħ u mhux limitat għall-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea (EUMM) fl-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar; jenfasizza n-neċessità li tiġi pprovduta stabbiltà fir-reġjuni tal-Ġeorġja msemmija hawn fuq;

#### *It-Turkija*

60. Jenfasizza l-bżonn ta' spinta mġedda fin-negożjati tal-adeżjoni tat-Turkija sabiex jiġi evitat waqfien potenzjali fir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija; jilqa' d-dikjarazzjoni mill-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2010 li titlob kooperazzjoni intensifikata fi kwistjonijiet ta' politika ta' sigurtà u esterna ta' interess reċiproku; huwa tal-opinjoni li l-politika esterna aktar u aktar attiva ta' Ankara tippreżenta sfidi u opportunitajiet ġodda għall-PESK; iħeġġeġ lill-VP/RGħ biex tinvoli t-Turkija fi djalogu istituzzjonalizzat dwar kwistjonijiet strateġiċi ewlenija – bħall-politika tal-enerġija, l-istabbiltà fil-Balkani tal-Punent u fir-reġjuni tal-Kawkasu, il-programm nukleari tal-Iran, jew il-qawmien demokratiku li qed iseħħ fil-Lvant Nofsani – biex b'hekk tiżgura konverġenza aħjar tal-oġettivi kif ukoll iddaħħal dinamiżmu ġdid fir-relazzjonijiet bilaterali; jenfasizza, madankollu, li tali djalogu ma għandux jissostitwixxi l-proċess ta' adeżjoni tat-Turkija iżda għandu jikkomplementah u jsaħħu;
61. Jiddispjaċih li l-proċess ta' adeżjoni tat-Turkija huwa virtwalment stagħnat; ifakkar li l-UE u t-Turkija huma t-tnejn responsabbli biex jeliminaw l-ostakoli għall-adeżjoni tat-Turkija mal-UE; iwwisi dwar problemi serji fit-tul jekk ir-relazzjoni bejn l-UE u t-Turkija ma tkunx stabbilizzata u l-UE u n-NATO jkomplu jiġu impediti milli jilhqqu l-oġettiv tagħhom ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib; jittama f'kull każ li t-Turkija tkompli l-modernizzazzjoni tagħha skont il-kriterji Ewropej;

#### *Il-Lvant Nofsani*

62. Jappoġġa l-fatt li reġġu bdew id-diskussjonijiet diretti dwar il-paċi bejn l-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana u jenfasizza l-bżonn li jsiru negożjati bis-sens f'qafas ta' żmien limitat u f'atmosfera ta' fiduċja reċiproka, atmosfera li tista' teżisti biss jekk il-politika tal-kontinwazzjoni tal-bini ta' abitazzjonijiet titwaqqaf immedjatament mill-Iżrael; ifakkar li l-UE hija l-akbar kontributor għall-Awtorità Palestinjana u s-sieħba kummerċjali prinċipali tal-Iżrael, u b'hekk għandha interess dirett f'li tikkonvinċi ż-żewġ partijiet biex jaffrontaw malajr kemm jista' jkun il-kwistjonijiet fundamentali li għandhom jiġu riżolti (b'mod partikolari r-refuġjati, il-konfini u l-istatus ta' Ġerusalem) u biex ikun hemm Stat tal-Palestina vjabbli ħdejn u fil-paċi mal-Istat tal-Iżrael; jenfasizza l-bżonn ta' soluzzjoni li tinvolvi żewġ stati u jirrikonoxxi d-dritt tat-tnejn li jgħixu ħdejn xulxin f'sikurezza, prosperità u paċi; jilqa', għalhekk, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi tal-Lvant Nofsani tat-13 ta' Diċembru 2010 u l-intenzjoni ddikjarata tal-UE li tgħin lill-



partijiet jilhq dan l-objettiv;

63. Jistieden lill-UE, b'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2009, biex tiegħu rwol politiku iktar qawwi li jaqbel mal-impenn finanzjarju tagħha fir-reġjun; jinsab konvint li hemm hteġa urġenti għal tiswir mill-ġdid komprensiv tal-politika tal-UE lejn il-Lvant Nofsani, sabiex din twettaq rwol politiku deċiżiv u koerenti, akkumpanjat minn għodod diplomatiċi effettivi, fl-interess tal-paċi u s-sigurtà f'dan ir-reġjun qarib ta' interess strateġiku vitali għall-UE; jistieden lill-VP/RGħ tippreżenta strateġija Ewropea ġdida għar-reġjun li tindika l-interessi, l-għanijiet u l-mezzi tal-UE, li tippromwovi d-demokrazija u l-istat ta' dritt fir-reġjun u li talloka riżorsi primarjament għat-tisħiħ tas-soċjetà ċivili;

#### *Ir-reġjun tal-Mediterran*

64. Jiddikjara s-solidarjetà tiegħu maċ-ċittadini fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar li qed jiġġieldu għad-demokrazija, il-libertà u l-ġustizzja soċjali; jitlob lill-UE toffri appoġġ u aspirazzjonijiet ġodda għad-demokrazija, il-libertà u l-ġustizzja soċjali; jibqa' mħasseb dwar in-nuqqas, fil-politika Mediterranja tal-UE, ta' viżjoni strateġika ċara għal żmien twil għall-progress u l-iżvilupp tar-reġjun; jitlob għal kjarifika u titjib tal-bażi loġika, l-objettivi u l-metodi operattivi tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM); iqis għalhekk li hu tal-ikbar importanza u urġenza li jerġa' jsir eżami u tfassil tal-istrateġija tal-UE għall-Mediterranean u jħeġġeġ, f'dan ir-rigward, li r-Rieżami Strateġiku tal-PEV għandu jqis u jirrifletti kompletament l-iżviluppi l-ġodda fir-reġjun u jistabbilixxi djalogu politiku mal-ġirien tan-Nofsinhar tal-UE; jitlob, barra minn hekk, li l-Unjoni għall-Mediterran titfassal mill-ġdid sabiex tikkontribwixxi b'mod attiv u effiċjenti għal soċjetajiet demokratiċi, sostenibbli u ġusti fir-reġjun kollu; jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tan-nisa fit-tranżizzjoni demokratika u r-riformi istituzzjonali; jerġa' jenfasizza li t-tisħiħ tad-demokrazija, l-istat ta' dritt, il-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma elementi essenzjali ta' dan id-djalogu;
65. Ifakkar fir-rwol tiegħu fi ħdan il-proċedura baġitarja tal-UE u jenfasizza l-bżonn li tkun żgurata l-leġittimità demokratika tal-UgħM u li d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod trasparenti u li l-Parlament Ewropew, l-Assemblea Parlamentari tal-UgħM u l-parlamenti nazzjonali jkunu involuti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet;
66. Isegwi mill-qrib is-sitwazzjoni tat-Tuneżija, tal-Eġittu, u ta' pajjiżi oħra fir-reġjun; jappoġġa l-aspirazzjonijiet ġodda tan-nies għad-demokrazija, il-libertà u l-ġustizzja soċjali; jistieden lill-UE tibni sħubija abbażi tal-interess reċiproku u li tiffoka fuq l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex tgħin biex ittaffi l-kriżi ekonomika u soċjali attwali f'dawn il-pajjiżi, u biex tipprovi l-għajnuna li tista' tkun meħteġa biex tappoġġa r-riformi politiċi attwali u l-iżvilupp soċjali u ekonomiku; jenfasizza l-importanza tal-appoġġ tal-bini tal-kapaċitajiet istituzzjonali, sistema ġudizzjarja indipendenti, it-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-formazzjoni ta' partiti politiċi pluralisti fi ħdan sistema sekulari; jilqa' r-referendum dwar ir-riformi kostituzzjonali fl-Eġittu; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Eġizzjani jkomplu bir-reviżjoni tal-Kostituzzjoni u l-liġi elettorali bil-ħsieb li dan jirriżulta f'elezzjonijiet ħielsa u ġusti;
67. Jiddispijaċih dwar in-nuqqas ta' koeżjoni bejn l-Istati Membri dwar kif għandhom

jindirizzaw is-sitwazzjoni fil-Libja, li jnaqqas l-ambitu għal azzjonijiet tal-PESK komprensivi mill-VP/RGħ dwar din il-kwistjoni; jilqa' madankollu d-deċizzjoni tal-Kunsill li jistabbilixxi operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea f'appoġġ tal-operazzjonijiet tal-għajnuna umanitarja f'reazzjoni għas-sitwazzjoni ta' kriżi fil-Libja, l-hekk imsejħa operazzjoni EUFOR Libja;

68. Ihegġegħ lill-awtoritajiet tas-Sirja, il-Baħrejn u l-Jemen biex ma jużawx il-forza kontra min jipprotesta u jirrispettaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' għaqda u espressjoni; jenfasizza li daww responsabbli għall-imwiet u l-ġrieħi kkawżati għandhom ikunu responsabbli minn dan u jitressqu l-qorti; jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-aspirazzjonijiet demokratiċi paċifiċi tan-nies tas-Sirja, il-Baħrejn u l-Jemen, jirrieżaminaw il-politiki tagħhom lejn daww il-pajjiżi, jirrispettaw il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Unjoni Ewropea dwar l-Esportazzjoni ta' Armi, u jkunu lesti jgħidnu, f'każ ta' impenn serju mill-awtoritajiet nazzjonali, fl-implimentazzjoni ta' aġendi ta' riforma politika, ekonomika u soċjali f'daww il-pajjiżi;
69. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għat-Tribunal Speċjali għal-Libanu (STL) bħala qorti indipendenti, maħluq mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 1757 u sabiex jilħaq l-ogħla standards legali; jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tiegħu għas-sovrenità, l-unità u l-integrità territorjali fil-Libanu u għall-funzjonament sħiħ tal-istituzzjonijiet kollha Libaniżi; jisħaq li l-istabilità interna u r-rispett għal-liġi internazzjonali huma kompletament kompatibbli; jistieden lill-forzi politiċi Libaniżi kollha jkomplu jieħdu sehem fi djalogi miftuħa u konstruttivi sabiex jiffavorixxu l-benesseri, il-prosperità u s-sigurtà liċ-ċittadini Libaniżi kollha; ifaħħar ir-rwol kruċjali tal-Forza Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libanu (UNIFIL) u jitlob għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tar-Riżoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti;

#### *L-Asja*

70. Jisħaq li l-punt inizjali għal kwalunkwe soluzzjoni għaż-żmien twil għall-kriżi Afgana għandu jkun l-interessi taċ-ċittadini Afgani fir-rigward tas-sigurtà interna, il-protezzjoni ċivili, u l-progress ekonomiku u soċjali, u għandu jinkludi miżuri konkreti għall-eliminazzjoni tal-faqar, id-diskriminazzjoni kontra n-nisa, għat-tisħiħ tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat ta' dritt, kif ukoll mekkaniżmi ta' rikoniċiljazzjoni, it-tmim tal-produzzjoni tal-opju, eżerċizzju robust tal-bini tal-istat, l-integrazzjoni tal-Afganistan fil-komunità internazzjonali u t-tkeċċija tal-Al Qa'ida mill-pajjiż; jenfasizza li l-Afganistan għandu jingħata forza tal-pulizija kapaċi li tiżgura standard minimu ta' sigurtà li jippermetti l-irtirar sussegwenti ta' preżenza militari barranija mill-pajjiż; itenni l-pożizzjoni tiegħu li impenn sinifikanti tal-UE u l-komunità internazzjonali b'mod ġenerali fl-Afganistan għandu jiffoka fuq l-appoġġ tal-Afgani fil-bini tal-istat tagħhom, b'istituzzjonijiet demokratiċi aktar b'saħħithom li jkunu kapaċi jirrappreżentaw lin-nies, jiżguraw l-istat tad-dritt, il-paċi, l-integrità territorjali, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli, itejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja għaċ-ċittadini kollha u partikolarment għan-nisa u t-tfal, filwaqt li jirrispettaw it-tradizzjonijiet storiċi, reliġjużi, spiritwali u kulturali tal-komunitajiet etniċi u reliġjużi kollha tal-pajjiż; ifakkar ukoll l-importanza tal-appoġġ tas-soċjetà ċivili, il-bini ta' istituzzjonijiet demokratiċi, bħat-taħriġ tal-forzi ta' sigurtà u tas-sistema ġudizzjarja, u l-appoġġ ta' midja indipendenti, tal-NGOs u l-iskrutinju

parlamentari;

71. Itenni l-fehma tiegħu li l-Pakistan għandu rwol prinċipali fir-reġjun u li Pakistan stabbli, sekulari, demokratiku u prosperu huwa ta' importanza vitali għall-istabilità fl-Afganistan u fir-reġjun iktar wiesa'; jisħaq, barra minn hekk, fuq ir-rwol prinċipali tal-Pakistan fil-proċess ta' paċi Afgan; jenfasizza l-ħtieġa li s-servizzi sigrieti Pakistani ma jagħtux għajjnuna lit-Talibani Afgani; jirrikonoxxi li l-għargħar devastanti ta' Awwissu 2010 kien daqqa ta' ħarta għall-gvern il-ġdid tal-Pakistan, li kien qed jibda jimxi 'l quddiem fit-trattament ta' diversi sfidi; ihegġegħ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, flimkien mal-komunità internazzjonali usa', biex jirreaġixxu b'turija b'saħħitha ta' solidarjetà u b'appoġġ konkret għall-bżonn urġenti tal-Pakistan ta' bini mill-ġdid u rijabilitazzjoni wara l-għargħar u għat-tamiet tal-pajjiż li jibni soċjetà b'saħħitha u prospera; jilqa' u jinkoraġġixxi iktar l-isforzi tal-UE li ssaħħaħ l-appoġġ politiku biex iżżid il-bini tal-istituzzjonijiet u tal-kapaċitajiet fil-Pakistan u biex tgħin lill-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Pakistan jiġġieldu kontra l-estremiżmu, b'mod partikolari billi jaġixxu favur l-abolizzjoni tal-liġijiet dwar id-dagħa u billi jsostnu s-soċjetà ċivili tal-Pakistan; jistieden lill-Pakistan jaderixxi immedjatament għat-Trattat tan-Nonproliferazzjoni u jikkoopera kompletament mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika billi jiżvela l-ħażna u l-faċilitajiet nukleari tal-Pakistan;
72. Jappoġġa bis-sħiħ l-impenn tal-E3+3 biex ifittxu soluzzjoni nnegożjata minn kmieni għall-kwistjoni nukleari Iranjana sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja internazzjonali fin-natura esklussivament paċifika tal-programm nukleari tal-Iran, skont prinċipju fundamentali tat-Trattat tan-Nonproliferazzjoni; jappoġġa l-approċċ fuq żewġ binarji tal-Kunsill immirat lejn is-sejba ta' soluzzjoni diplomatika peress li din hija l-unika soluzzjoni vijabbli għal reazzjoni għall-kwistjoni nukleari tal-Iran; jiddispjaċih li r-Risoluzzjoni 1929(2010) tal-UNSC li tintroduċi r-raba' sensiela ta' sanzjonijiet fuq l-Iran dwar il-programm nukleari tiegħu u l-miżuri restrittivi addizzjonali mħabbra mill-UE, l-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Kanada u l-Awstralja ma setgħetx tiġi evitata minħabba nuqqas min-naħa tal-Iran biex tikkoopera bi sħiħ mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) rigward l-għanijiet tal-programm nukleari tagħha; jenfasizza li soluzzjoni għall-kwistjoni nukleari ma tistax tinsab għad-detriment tal-appoġġ tal-UE għas-soċjetà ċivili Iranjana u l-pretensjonijiet ġusti tagħha għad-drittijiet tal-bniedem universali u elezzjonijiet verament demokratiċi;
73. Jikkundanna bil-qawwi r-retorika provokattiva, infjammatorja, anti-Semitika kontinwa tal-President tal-Iran, li talab biex l-Iżrael tinqered, u partikolarment jiddispjaċih mit-theddidi li saru kontra l-eżistenza proprja tal-Istat tal-Iżrael; huwa imħasseb ħafna dwar iż-żieda esponenzjali fin-numru ta' eżekuzzjonijiet fl-Iran li għandhom jitqiesu bħala qtil statali extraġudizzjarju fid-dawl tan-nuqqas ta' kwalunkwe proċedura ġudizzjarja kif ukoll ir-ripressjoni kontinwa u sistematika taċ-ċittadini li jixtiequ aktar libertà u demokrazija; jenfasizza li l-kuntatti uffiċjali reċiproċi bejn id-delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Majlis għandhom jintużaw ukoll biex jindirizzaw il-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u jkun suġġetti għall-possibbiltà ta' aċċess ħieles għal żjarat lill-priġunieri politiċi u attivisti għad-drittijiet tal-bniedem u r-rappreżentanti għandhom jingħataw l-opportunità li jagħmlu skambju ħieles ta' kull tip ta' opinjoni politika; jitlob lill-VP/RGħ tagħmel arranġamenti għall-istabbiliment mill-ġdid ta' Delegazzjoni tal-UE fl-Iran sabiex tkun tista' timmonitorja, mill-perspettiva tal-UE, is-sitwazzjoni fil-post; ihegġegħ lir-reġim

Iranjan jastjeni minn indħil fl-affarijiet interni tal-Iraq;

74. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu dwar l-intensifikazzjoni tad-djologi settorali maċ-Ċina u jistieden li jkun hemm ħidma konġunta konċertata dwar kwistjonijiet kontroversjali enfasizzati fis-Samit riċenti bejn l-UE u ċ-Ċina; jilqa' l-progress lejn governanza ekonomika u ġudizzjarja aħjar; huwa mħasseb sew dwar il-ksur sever u sistematiku kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, inkluż id-drittijiet tal-minoranzi u partikolarment dawk tat-Tibetani, l-Uighurs u l-Mongols, u jistieden lill-VP/RGħ issaħħaħ id-djalogu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tiżgura li d-drittijiet tal-bniedem ikunu dejjem fuq l-aġenda;
75. Jindika li r-relazzjonijiet mal-Ġappun se jiġu affettwati ħafna mit-terremot terribbli, it-tsunami u l-katastrofu nukleari sussegwenti li laqta lill-pajjiż u jistenna li l-UE turi s-solidarjetà tagħha u tipprovdi l-appoġġ sabiex tgħin lill-awtoritajiet Ġappuniżi biex ikompaw mad-diżastru; iqis li, partikolarment wara l-avvenimenti drammatiċi riċenti, ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Ġappun, pajjiż li għandu l-istess valuri demokratiċi u tħassib dwar d-drittijiet tal-bniedem bħall-UE, għadhom estremament importanti kemm f'termini ekonomiċi kif ukoll fir-rigward tal-ħidma konġunta f'fora multinazzjonali; jenfasizza li l-enfasi kurrenti fuq iċ-Ċina m'għandhiex tinsa l-isforzi neċessarji biex tiżdied il-kooperazzjoni mal-Ġappun u biex jitneħħew l-ostakli li għad baqa' għall-interpenetrazzjoni ekonomika;
76. Jilqa' l-passi li ttieħdu mill-partiti miż-żewġ naħat tal-Fliegu tat-Tajwan, li rriżultaw fl-iffirmar ta' madwar 15-il ftehim, inkluż il-Ftehim Qafas dwar il-Kooperazzjoni Ekonomika (ECFA) u ftehim dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali f'Ġunju 2010; peress li l-espansjoni tar-relazzjonijiet ekonomiċi man-naħa l-oħra tal-fliegu hija fl-interess taż-żewġ naħat u tal-UE, jappoġġa bis-sħiħ it-tisħiħ tar-rabtiet ekonomiċi tal-UE u t-Tajwan u l-iffirmar ta' ftehim dwar il-kooperazzjoni ekonomika bejn l-UE u t-Tajwan; itenni l-appoġġ tiegħu għall-parteċipazzjoni sinifikanti tat-Tajwan bħala osservatur fl-organizzazzjonijiet u l-attivitajiet internazzjonali rilevanti, bħall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO); ifaħħar id-deċiżjoni tal-UE li tagħti eżenzjoni tal-viża liċ-ċittadini tat-Tajwan, li ser tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment bejn l-UE u t-Tajwan kif ukoll tal-kuntatt bejn il-popli;
77. Jirrikonoxxi l-importanza enormi tal-Indja bħala setgħa ekonomika u reġionali emerġenti u bħala siegħa demokratika importanti għall-Ewropa; ifaħħar il-kooperazzjoni tal-Indja mal-UE, b'mod partikolari fl-Afganistan u bl-operazzjoni Atalanta; jitlob kooperazzjoni aktar mill-qrib fuq kwistjonijiet relatati mad-diżarm nukleari, it-tibdil fil-klima, il-governanza ekonomika dinjija u l-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-isfidi għal-libertajiet ċivili u d-drittijiet tal-bniedem f'Jammu u Kashmir u rigward il-persistenza tad-diskriminazzjoni kulturali abbażi tal-kasta; jistenna li s-sħubija strateġika mal-Indja tiżviluppa bi qbil mal-Pjan ta' Azzjoni Konġunta, sabiex tagħti riżultati konkreti; jistenna bil-ħerqa għall-konklużjoni bikrija u l-firma ta' ftehim ta' kummerċ ħieles iżda, fl-istess ħin, jenfasizza l-importanza li n-negozjati attwali dwar ftehim bħal dan bl-ebda mod ma għandhom ifixxkl u l-isforzi biex jitnaqqas il-faqar fl-Indja;

78. Jesprimi appoġġ u inkoraġġiment qawwi għas-sħubijiet mal-Unjoni Afrikana u ma' organizzazzjonijiet reġjonali Afrikani oħra fl-indirizzar tat-tħassib dwar l-istabilità u s-sigurtà fil-kontinent Afrikan u fl-iżgurar tal-progress f'oqsma prinċipali oħra, bħall-governanza demokratika u d-drittijiet tal-bniedem, it-tibdil fil-klima u l-kisba tal-MDGs; jemmen li l-proċess ta' pussess u ta' teħid ta' poter progressivi tal-Unjoni Afrikana fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' sigurtà u stbilità fil-kontinent Afrikan, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-missjonijiet taż-żamma tal-paċi, jirrikjedi l-konsolidazzjoni tal-bini tal-istituzzjonijiet u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan l-Unjoni Afrikana, u li l-UE għandha tgħid lill-Unjoni Afrikana f'dan ir-rigward;
79. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għad-deċiżjoni li jitfassal approċċ kompensiv tal-UE għar-reġjun tal-Qarn tal-Afrika, li jgħin fil-bini mill-ġdid ta' istituzzjonijiet statali fis-Somalja u li jorbot flimkien is-sigurtà tal-bniedem mal-iżvilupp, l-istat tad-dritt, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tan-nisa u b'hekk jiġbor fih l-istrumenti kollha tal-UE bil-għan li jipprovdi soluzzjonijiet għaż-żmien twil;
80. Jilqa' r-rieda tal-UE li tappoġġa l-implimentazzjoni paċifika tal-Ftehim Komprensiv ta' Paċi fis-Sudan u li taħdem lejn l-istabilità reġjonali għaż-żmien twil; jisħaq, fl-istess ħin, fuq il-bżonn li jiġġeddu l-isforzi biex tiġi indirizzata l-insigurtà u biex tinkiseb soluzzjoni għall-paċi fid-Darfur; huwa tal-opinjoni li l-indipendenza li ġejja fis-Sudan tan-Nofsinhar għandha implikazzjonijiet għall-istabbiltà ta' stati diviżi kulturalment u tinvolvi sfidi li għalihom il-VP/RGħ għandha tkun ippreparata; jifraħ lill-poplu tas-Sudan fuq l-iżvolġiment tajjeb tar-referendum fis-Sudan tan-Nofsinhar, kif ikkonfermat mill-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-UE; jistieden lill-UE tkompli tappoġġa l-isforzi li saru mill-partijiet sabiex isir progress fuq il-kwistjonijiet pendenti taħt il-Ftehim ta' Paċi Komprensiv, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tar-refuġjati u dawk li rritornaw, u tikkunsidra l-miżuri neċessarji sabiex tiġi garantita s-sostenibbiltà tar-relazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar wara r-referendum;
81. Ifakkar li Alassane Ouattara huwa l-uniku rebbiegħ leġittimu tal-elezzjonijiet presidenzjali li saru f'Côte d'Ivoire fit-28 ta' Novembru 2010 u li r-riżultati tal-elezzjoni ma tistax tiġi sfidata; jieħu nota tal-arrest tal-mexxej attwali Laurent Gbagbo u jispera li dan se jikkontribwixxi għat-tmiem tal-vjolenza; ihegġegħ lill-forzi politiċi u armati kollha fil-pajjiżi biex jirrispettaw ix-xewqa tal-elettorat Ivorian u jiżguraw t-trasferiment paċifiku tal-poter mingħajr dewmien, u jitlob f'dan ir-rigward, għar-ristawr tal-liġi u l-ordni; jistieden lill-UE tappoġġa bi sħiħ lill-President Ouattara fi sforzi mmirati lejn ir-rikonċiljazzjoni, l-irkupru u l-iżvilupp kif ukoll fil-promozzjoni tal-prosperità u l-istabilità għall-persuni mill-Côte d'Ivoire;
82. Jemmen li l-UE għandha tadotta approċċ komprensiv għat-tħassib dwar is-sigurtà u l-istabilità fir-reġjun ta' Sahel; jinsisti li t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata transkonfinali (drogi, armi, sigaretti, traffikar tal-bnedmin) jikkostitwixxu theddid serju mhux biss għall-pajjiżi tar-reġjun iżda wkoll direttament għall-Unjoni Ewropea; iqis neċessarju li l-UE tgħin il-pajjiżi tar-reġjun jiżviluppaw politiki u strumenti li jindirizzaw dan it-thedd id għas-sikurezza li dejjem qed jiżdied billi tuża l-istrumenti kollha rilevanti tal-UE biex jintemmu l-kunflitti persistenti bħall-kunflitt tas-Sahara tal-Punent u biex jiġu

promossi riformi demokratiċi fil-pajjiżi kollha tar-reġjun, jinqered il-faqar, jiġi garantit l-iżvilupp sostenibbli, jiġi indirizzat it-tħassib dwar it-tibdil fil-klima fir-reġjun, jiġu ġestiti l-flussi migratorji min-Nofsinhar għan-Nofsinhar u min-Nofsinhar għat-Tramuntana u jiġu żgurati d-demokrazija u l-bini tal-istituzzjonijiet (b'mod partikolari s-settur tas-sikurezza) u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; jemmen li l-proċess ta' bini ta' kunsens fost il-pajjiżi tar-reġjun, b'kooperazzjoni mal-Unjoni Afrikana u bil-pussess progressiv tagħha, għandu wkoll jiġi implimentat;

83. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward taż-Żimbabwe li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra ċerti politikanti, uffiċjali u kumpanniji li jżommu r-reġim ta' Mugabe fis-setgħa; jiddispjaċih li għandha ma seħħitx bidla demokratika suffiċjenti u jistieden lill-pajjiżi tal-SADC b'mod partikolari, jgħinu li jiġi żgurat li ż-Żimbabwe jimxi b'mod rapidu lejn elezzjonijiet ħielsa u ġusti fil-preżenza ta' osservaturi internazzjonali u li jersaq b'mod rapidu lejn transizzjoni bla intoppi tas-setgħa;
84. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tmiem tal-Missjoni tal-PSDK fil-Ginea Bissaw f' Settembru 2010 u jhegġegħ lill-Kunsill u lill-VP/RGħ jikkunsidraw modi ġodda ta' kif tiġi miġġielda l-kriminalità fil-Ginea Bissaw, sabiex jiġi evitat li dan il-pajjiż isir narko-stat ieħor;

#### *L-Amerika Latina*

85. Jilqa' l-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali u dwar Ftehim Kummerċjali bejn Bosta Partijiet mal-Perù u l-Kolombja; jisħaq, madankollu, li l-UE għandha tkompli tagħti prijorità lill-proċessi ta' integrazzjoni reġjonali fl-Amerika Latina; jinnota b'sodisfazzjon li n-negozjati dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Mercosur reġġu bdew, u jistieden biex dawn jiġu konklużi malajr u bla problemi;
86. Jirrikonoxxi r-risultati pożittivi tas-Samit bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew f'Madrid u jissottolinja l-bżonn li tiġi sorveljata l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Madrid; ifakkar fil-bżonn li tiġi adottata Karta Ewro-Latinamerikana għall-Paċi u s-Sigurtà u li din il-karta tkun tinkludi, fuq il-bażi tal-Karta tan-NU u l-liġi internazzjonali relatata, strateġiji u linji gwida għal azzjoni konġunta fl-oqsma tal-politika u tas-sigurtà biex taffronta t-tħeddidiet u l-isfidi komuni;

°  
° °

87. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, lill-President tal-Assemblea Parlamentari tan-NATO, lill-President fil-kariga tal-OSKE, lill-President tal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE, lill-President tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa u lill-President tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa.

## **OPINJONI TAL-MINORANZA**

skont l-Artikolu 52(3) tar-Regoli ta' Proċedura  
il-Grupp Konfederali tax-Xellug Magħqud Ewropew / Xellug Aħdar Nordiku

Nopponu r-rapport kompletament peress li:

- jiddefendi u jippromwovi iktar il-militarizzazzjoni bħala l-element ewlieni tal-PESK;
- jippromwovi s-sinerġija tal-kapaċitajiet ċivili u militari;
- hu tal-opinjoni li l-UE għandha tiegħu l-opportunità tal-adozzjoni tal-Kunċett Strateġiku l-ġdid tan-NATO sabiex issaħħaħ b'mod sustanzjali s-sħubija tagħha man-NATO. Għalhekk jitlob li l-kapaċitajiet ċivili u militari jiġu kondiviżi bejn in-NATO u l-UE.

Qed nitolbu li jkun hemm:

- UE ċivili, strettament separate min-NATO
- id-dissoluzzjoni tan-NATO
- PESK ibbażata fuq prinċipji paċifiċi
- ir-rispett għad-dritt internazzjonali u l-Karta tan-NU
- nefqa militari li tintuża għal raġunijiet ċivili
- l-għeluq tal-bażijiet militari kollha fl-Ewropa
- id-diżarm tal-Ewropa, inkluż diżarm nukleari totali
- astenzjoni min-naħa tal-UE dwar politiki ta' intervent b'rispett għas-sovranità tal-istati

**Willy Meyer, Sabine Lösing, Nikos Chountis u Takis Hadjigeorgiou f'isem GUE-NGL**

27.1.2011

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAGĪTS**

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rapport annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fl-2008, ippreżentat lill-Parlament Ewropew b'applikazzjoni tal-Parti II, Taqsima G, paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2009 (2010/2124(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Roberto Gualtieri

## **SUĠĠERIMENTI**

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jappoġġja, b'konformità mal-ftehim li nlaħaq fil-kwadrilogu ta' Madrid dwar l-istabbiliment u l-funzjonament tas-SEAE, u konformi mar-Regolament Finanzjarju kif modifikat fir-rigward tas-SEAE, il-ħolqien fil-baġit tal-2011 ta' punti tal-baġit dedikati għat-tliet missjonijiet maġġuri taħt is-PESK/PSDK; jemmen li l-identifikazzjoni aħjar tal-missjonijiet iżżid kemm it-trasparenza kif ukoll ir-responsabilizzazzjoni tas-PESK/PSDK u sservi l-interessi tal-UE;
2. Iqis madankollu li din in-nomeklatura ġdida hija l-prireqwizit minimu u hija biss l-ewwel pass għal baġit tal-PESK dettaljat b'mod sħiħ li tkun tista' tippermetti sinteżi kompleta u segwitu tal-missjonijiet fl-ambitu ta' din il-politika; huwa tal-fehma li nomeklatura ġdida bħal din la m'hi se thedded il-flessibilità indispensabbli tal-baġit tal-PESK u lanqas il-kontinwità tal-azzjoni tal-missjonijiet diġà mibdija;
3. Jenfasizza li l-identifikazzjoni tal-missjonijiet maġġuri tal-PESK / PSDK m'għandhiex tkun detrimental għall-informazzjoni u t-trasparenza rigward missjonijiet ta' dimensjoni iżgħar u ta' anqas viżibilità politika;
4. Iqis li l-ħolqien ta' Sezzjoni X ġdida tal-baġit tal-UE għas-Servizz ta' Azzjoni Esterna Ewropea u l-inklużjoni tagħha taħt l-Intestatura 5 tal-baġit ġenerali tal-UE m'għandhiex



twassal għat-telf tal-ispeċifiċità tar-rappreżentanti speċjali tal-UE li għandhom rwol ċentrali fil-koordinazzjoni u r-rappreżentazzjoni tal-politika tal-UE għal pajjiżi terzi;

5. Jemmen li l-isfera ta' influwenza tal-PESK tmur lil hinn minn sempliċement il-Kapitlu 19 03 tal-baġit tal-UE, u li xi elementi tal-PESK huma mifruxin f'istrumenti oħrajn: ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea jew l-Istrument għall-Istabilità, pereżempju, għandhom rwol li jservi u jsaħħaħ l-oġettivi u l-missjonijiet tal-Politika Estera u s-Sigurtà Komuni tal-UE;
6. Ifakkar fl-ispirtu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE) li għandu l-iskop li jagħmel il-kodeċiżjoni bħala l-proċedura ġenerali u li, b'analoġija, twassal għat-tneħħija ta' klawnsoli speċifiċi jew proċeduri li qabel kienu japplikaw għal xi strumenti jew politiki taħt it-Trattat preċedenti u l-Ftehim Interistituzzjonali; jikkonferma b'dan u hawnhekk li d-dispożizzjonijiet li jirrestrinġu l-flessibilità tal-finanzjament tal-PESK issa huma bla bażi;
7. Jenfasizza, b'konformità ma' dak t'hawn fuq u sabiex tisserdaq l-effiċjenza u r-responsabilizzazzjoni tal-PESK, li kultura ġdida ta' dialogu, fiduċja reċiproka u skambju ta' informazzjoni għandhom saflaħħar jinfirxu fir-relazzjonijiet interistituzzjonali, kemm fil-fażi ta' definizzjoni kif ukoll fit-tmexxija u fażijiet ta' evalwazzjoni a posteriori;
8. Jenfasizza għal darb'oħra li s-PSDK huwa definit fit-TFUE bħala parti integrali tal-PESK li jwassal għal difiża komuni u li l-Parlament, fil-kapaċità tiegħu ta' fergħa tal-awtorità baġitarja, huwa intitolat li jirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-valutazzjoni kif suppost tan-nefqa għall-PESK; iqis għalhekk li l-mekkaniżmu ta' Ateni għall-finanzjament tan-nefqiet komuni għall-operazzjonijiet tal-UE li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża huma parti integrali mill-PESK u li analiżi dettaljata tal-komponenti għandha tkun parti mill-informazzjoni mogħtija lill-Parlament, kemm f'termini amministrattivi (fejn il-Parlament għandu l-awtorità baġitarja) kif ukoll f'termini operazzjonali;
9. Jenfasizza li fil-kuntest ta' riflessjonijiet futuri dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014-2020, jeħtieġ li ssir analiżi bir-reqqa tar-rekwiżiti finanzjarji tal-PESK għal perjodu twil ta' żmien.
10. Ifisser it-tħassib tiegħu għall-kostijiet għoljin ġejjin mill-miżuri adottati għall-garanzija tas-sigurtà tal-EUJUST LEX-Iraq u EUPOL Afghanistan, mogħtijin biex jinħadmu lill-PMSC, u għalhekk jistieden lir-RGħ/VP tiegħu l-passi xierqa biex ittejjeb ir-relazzjoni bejn il-kost u l-effiċjenza tar-riżorsi tal-UE.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	26.1.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 21 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Damien Abad, Alexander Alvaro, Reimer Böge, Lajos Bokros, Giovanni Collino, Göran Färm, Salvador Garriga Polledo, Ivars Godmanis, Estelle Grelier, Lucas Hartong, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Ivailo Kalfin, Alain Lamassoure, Nadezhda Neynsky, Miguel Portas, Helga Trüpel, Angelika Werthmann, Jacek Włosowicz
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Roberto Gualtieri, Jan Mulder
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marit Paulsen

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.4.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 49 -: 5 0: 11
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gabriele Albertini, Sir Robert Atkins, Dominique Baudis, Bastiaan Belder, Elmar Brok, Arnaud Danjean, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Anna Ibrisagic, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Ryszard Antoni Legutko, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Barry Madlener, Mario Mauro, Kyriakos Mavronikolas, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, María Muñiz De Urquiza, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Ria Oomen-Ruijten, Justas Vincas Paleckis, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Pașcu, Vincent Peillon, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Marek Siwiec, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Kristian Vigenin
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elena Băsescu, Véronique De Keyser, Andrew Duff, Roberto Gualtieri, Liisa Jaakonsaari, Elisabeth Jeggle, Agnès Le Brun, Barbara Lochbihler, Doris Pack, Jacek Protasiewicz, Judith Sargentini, Marietje Schaake, György Schöpflin, Ivo Vajgl
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marije Cornelissen, Leonardo Domenici, Birgit Schnieper-Jastram